TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT191/24/F

**Stephanie Borg**

**vs**

**A New Better Life – Matthaeus Grasso**

Illum, 14 ta' Novembru 2024

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-30 ta' Awwissu 2024;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-Intimat fil-25 ta' Ottubru 2024;

Sema' x-xhieda bil-ġurament u s-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2024;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tat-talba tagħha, ir-Rikorrenti qed jitlob li tiġi rimborżata s-somma ta' disa w disgħin Euro (€99) prezz li hija ħallset għal *package* ta' xahar "Platinum Unlimited Sessions" li jikkonsisti minn "*group exercises at our studio in Naxxar and/or online from home*" u "*personalised meal plan*". Dan wara li hija kanċellat l-abbonament tagħha entro l-*cooling off period* ta' 14-il jum minħabba li l-ħinijiet li fihom kienu ser jiġu provduti s-servizzi kienu jaħbtulha

mal-ħinijiet tax-xogħol tagħha u għalhekk, ma kienx possibbli għaliha li tattendi. Tispjega ulterjorment li hija ġiet mgħoddija l-informazzjoni dwar il-ħinijiet wara li hija kienet ħallset tas-servizz.

Illi għalkemm ftit li xejn immotiva r-Risposta tiegħu, waqt is-seduta, l-Intimat ikkontesta t-Talba tar-Rikorrenti billi saħaq li mhux minnu li r-Rikorrenti ma kienitx taf bl-iskeda tal-ħinijiet qabel ma ħallset u li fiż-żmien li laħaq għadda bejn li sar il-ħlas mir-Rikorrenti u li hija kkanċellat, kien diġà sar xogħol fuq il-*personalised meal plan* minn naħa tan-*nutritionist* tagħhom. Jgħid ukoll li rikjesta tagħha dwar ħinijiet tas-sessjonijiet kien irraġjonevoli għax kienu barra mill-ħinijiet ordinarji tax-xogħol tagħhom.

Illi mill-provi miġjuba mill-partijiet, jirriżulta li r-Rikorrenti ħallset għas-servizz fit-13 ta' Mejju 2024 u kanċellat fis-16 ta' Mejju 2024 meta effettivament kienu għaddew biss tlett'ijiem.

Illi t-Tribunal ma jaqbilx mas-sottomissjoni tal-Intimat li f'dan il-każ il-*cooling off period* huwa eskluż ai termni tal-Artikolu 18(l) tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (L.S. 378.17) u dan għax fil-fehma konsiderata tat-Tribunal, is-servizz in kwistjoni ma kienx jittratta dwar *"attivitajiet ta' divertiment"* iżda servizzi relatati mas-saħħa u l-benesseri tal-persuna. Għalhekk, għandu japplika l-Artikolu 18(a) tal-istess Regolamenti li jiddetta li l-konsumatur jitlef id-dritt li jirtira biss *"jekk l-eżekuzzjoni tkun inbdiet biss bil-kunsens espliċitu minn qabel tal-konsumatur u bir-rikonoxximent li huwa jitlef id-dritt tiegħu ta' rtirar ladarba tkun saret l-eżekuzzjoni totali tal-kuntratt min-naħa tal-kummerċjant"*.

Illi mill-korrispondeza eżebita, jidher li fil-fatt, xi servizz limitat għal pariri dwar ikel kien fil-fatt ingħata lir-rikorrenti fil-forma ta' *personalised meal plan* mibgħuta fil-15 ta' Mejju 2024 imma bl-ebda mod ma ġie ppruvat mill-Intimat li kienet laħqet saret eżekuzzjoni totali tal-kuntratt tant li r-Rikorrenti ma kienet għadha attendiet għall-ebda sessjoni mill-pakkett mixtri.

**Deċiżjoni:**

Illi fiċ-ċirkostanzi għalhekk, it-Tribunal ser jilqa' t-talba in parte u jillikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta' ħamsin Euro rappreżentanti r-rimborż dovut mill-Intimat lir-Rikorrenti.

Jordna lill-Intimat jirrifondi lir-Rikorrenti s-somma ta' ħamsin Euro (€50.00) kif hekk likwidata.

Kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha.

L-imgħax jgħodd min din is-sentenza.

**Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D.**
***Arbitru***